*KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE*

# Rapport ta' Xogħolijiet fuq l-andament tal-Kumitat Amministrattiv Paceville matul is-sena li għaddiet 2017

# Sena Finanzjarja 2017

Il-Kumitat Amministrattiv Paceville qiegħed jippreżenta rapport ta' xogħolijiet fuq l-andament tal-Kumitat matul is-sena 2017, kif ukoll jagħti ħarsa lejn il-pjan ta' ħidma għas-sena finanzjarja 2018.

Ir-rapport iħares lejn il-ħidma tat-tieni kumitat amministrattiv.

Għalhekk dan ir-rapport ser ikun qiegħed jagħti ħarsa lejn l-attivitajiet ewlenin ta' matul is-sena, kif ukoll il-pjan ta' ħidma għas-sena 2018.

## Amministrazzjoni u Laqghat

Il-Kumitat Amminsitrattiv hu magħmul minn ħames membri. Dawn huma :-

- Is-Sur Albert Bonello Ghio — Ċermen
- Is-Sur Michael La Rosa — Viċi – Ċermen
- Is-Sinjura Maria Dolores Falzon — Membru
- Is-Sur Joe Oliva — Membru
- Is-Sur Richard Scicluna — Membru

Matul is-sena is-Sur Albert Bonello Ghio ireżenja minn Ċermen, u minflokk ġie elett is-Sur Michael La Rosa bħala Ċermen, u s-Sur Albert Bonello Ghio ġie mahtur fil-kariga ta' Viċi Ċermen.

## Uffiċċju Amministrattiv

L-uffiċċju tal-Kunsill ikun miftuħ għall-pubbliku kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa f'dawn il-ħinijiet:-

| | |
|---|---|
| Xitwa: | Milll-1 ta' Ottubru sal 15 ta' Ġunju |
| Ħin: | 8:00 a.m - 1:00 p.m. |
| | |
| Sajf: | Mis-16 ta' Ġunju sat-31 ta' Settembru |
| Ħin: | 8:00 a.m - 1:00 p.m. |

L-uffiċċju tal-Kunsill ikun miftuħ għall-pubbliku kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa, kif ukoll is-Sibt filgħodu. Filwaq li jsir ix-xogħol amministrattiv kollu mill-uffiċċju, jsir ukoll ħruġ ta' permessi, ħlas ta' kontravenzjonijiet, servizz ta' għajnuna liċ-ċittadini għal diversi dipartimenti tal-gvern u servizz ta' customer care fost l-oħrajn.

## Ilmenti / Korrispondenza

Permezz tas-sistema ta' e-Government kull ċittadin jista' jressaq l-ilmenti mill-kumdita' ta' daru (mis-sistema www.servizz.gov.mt). Madankollu l-ilmenti kollha li jaslu għand il-Kumitat Amministrattiv jiġu trasmessi b'sistema '*on line*' u tittieħed azzjoni mid-dipartimenti kkonċernati.

Mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2017 il-Kumitat Amministrattiv irċieva 685 ilment. Madankollu l-Kumitat ħa kwalunkwe azzjoni meħtiega biex jitnaqqas kull inkonvenjent lill-pubbliku.

Minbarra lmenti li l-Kumitat Amministrattiv jirċievi, jintbagħtu diversi ittri. Fil-fatt mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2017 l-Kumitat Amministrattiv bagħat 154 korrispondenza, filwaqt li rċieva 442 ittra.

## Ħruġ ta' Permessi

Il-Kunsill joħroġ il-permessi skond l-Avviz Legali 119/2002. Dan jinkludi permess għall-krejnijiet, divertiment okkażjonali, qtugħ ta' wiċċ tat-triq, tqegħid ta' posta jek kiosks, u permessi oħrajn. Mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2017 ġew ipproċessati elfejn, mija u erbgħa permessi (2104).

## Facebook u Social Media

Il-Kunsill għandu l-paġna tiegħu fuq Facebook li tiġi aġġornata kontinwament. Għandu wkoll il-website uffiċċjali tiegħu li qed tiġi żviluppata ftit ftit biex jkun jista' jinkludi ukoll post fejn wieħed jagħmel ilment, kif ukoll japplika għall-peremess.

## Xogħolijiet varji ta' manutenzjoni li saru f'Paceville:-

- Kontinwament saru manutenzjoni tat-tabelli u marki tat-toroq li jmorru bl-użu eċċessiv, dan bħal *zebra crossings, parking bays* u marki tat-toroq oħra.
- Sar manutenzjoni tad-dawl f'diversi toroq ;
- Sar tindif u qtugħ ta' ħaxix fil-lokalita' kollha;
- Sar manutenzjoni tat-toroq (*patching*);
- Ġew mibdula bollards u U-Shapped Barriers fejn kien hemm bżonn;
- Ġew mibdula ukoll l-ismijiet tat-toroq li kienu mkissrin / vandalizzati;
- Ġew irranġati diversi spralli tal-ħadid tal-culverts, kif ukoll ġew mnaddfa l-culverts;

- Intbgħatu diversi ittri lill diversi stabbilimenti rigward rimi ta' skart.

- Ser jibda x-xogħol fil-ġnien Spinola, b'installazzjoni ta apprat ta' Gym u Playhouse ghat –tfal, filwaqt li l-ġnien iż-żgħir ta' Triq il-Knisja kantuniera ma' Triq Spinola ser jibda jinfetah mi;;-Kunsill

- Saret talba lill-Awtorita' tat-Turiżmu sabiex issir spezzjoni għax ħafna stabbilimenti ġewwa Paceville m'humiex jimxu mar-regolamenti tal-imwejjed u siġġijiet.

**Xogħolijiet varji ta' manutenzjoni li huma pendenti:-**

Hemm xi xogħolijiet oħra li għadhom pendenti fosthom:-

- Xogħol ta' tarmac fi triq il-Knisja, kif ukoll xoghol ta' patching iehor;

- Manutenzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku ;

- Manutenzjoni / twaħħil ta' bollards u railings;

**Diversi Ittri**

Il-Kumitat Amministrattiv kiteb diversi ittri kemm lill-Ministri kif ukoll lill-Awtoritajiet ikkonċernati, rigward diversi sitważżjonijiet u xogħolijiet kemm li saru mingħajr l-approvażżjoni tal-Kumitat Amministrattiv, kif ukoll rigward xogħolijiet li hemm bżonn jsiru f'Paceville.

Fost dawn l-ittri ntbgħatet ittra lill-Prim Ministru regward is-sitwazzjoni gewwa Paceville specjalment fuq kwistjoni ta' sigurta fit-toroq, nuqqasijiet bhal latrina u facilitajiet sanitari, u nuqqas ta infurzar tal-ligi.

**Turiżmu**

Bħal ma jaf kulħadd, Paceville huwa post turistiku u għalhekk it-turiżmu huwa wieħed mis-sorsi ewlenin għall-għejxien ta' ħafna familji. Għalhekk nżammew diversi laqgħat ma' uffiċċjali tal-*Malta Tourism Authority* fejn ġew diskussi xogħolijiet u azzjonijiet li kien hemm bżonn jittieħdu ġewwa San Ġiljan, l-aktar ġewwa Paceville. Fost dawn is-servizzi kien hemm ftehim fuq il-*First Aid* fil-Bajja ta' San Ġorġ, u servizz ta' ambulanza ġewwa Paceville matul il-lejl. Sar qbil ukoll sabiex tiġi nstallata sistema ta'kontrol aħjar taż-żona pedonali

Saru ukoll taħdidiet ma' diversi awtoritajiet oħra fuq iż-żona ta' Paceville fosthom il-Pulizija sabiex jkun hemm aktar sigurta, kif ukoll mall-Cleansing Services Directorate li qed joffru s-servizz ta' tindif addizzjonali f'żoni turistiċi.

Il-Malta Tourism Authority tagħtna ukoll għajnuna finanzjarja sabiex jiġu mżejjna mid-dawl tal-Milied diversi toroq f'Paceville.

## Infurzar tal-Ligi

Wara li f'Ottubru 2016, is-sistema ta' infurzar tal-liġi (tal-Local Wardens) għaddiet għand l-Aġenzija tal-Gvern, jidher li matul din is-sena kien hemm kambjament għal aħjar u jidher li qed jkun hemm aktar ko-ordinament bejn il-Kunsill u l-LESA.

## Persuni b'diżabilita'

F'Paceville hemm diversi Parking Bays riservati għal persuni bi bżonnijiet speċjali, kif ukoll il-bankini u t-toroq huma aċċessibli.

## Bring in-Sites

F'Paceville hemm *bring in-site* fi Triq Dragonara fil-viċinanza tal-*parking area* tal-Westin.

## Street Lighting

Permezz tad-delega ta' Stallazzjonijiet ta' Tidwil tat-Toroq lill-Kunsilli Lokali, il-Kunsill jieħu ħsieb il-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq – dawk li huma *wall hung* u *central hanging.* Bozzoz fuq arbli tal-ħadid u li magħhom hemm għaddejjin l-'aerial cables' ta' l-Enemalta għadhom jaqgħu taħt ir-responsabilita ta' l-Enemalta. Parti sew tal Street Light , li huwa dawl dekorattiv, gewwa Paceville huma mantenuti mill-Maintenance Service Department

Matul sena ingħata kuntratt ġdid għat-tiżjin tat-toroq għall-festi tal-Milied.

## WiFi Access Points

Reġa ġie mġedded is-servizz tal-Wi-Fi tal-Millennium Chapel.

## Website

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan għandu website gdida , barra dik acccessibli fuq Gov,

## Bye-Laws

Il-Kunsill għandu dawn il-Bye Laws:-

- ✓ Bye-Laws ta' l-2001, K.L.B.L. 52/19/2001, dwar l-Organizzazzjoni ta' Korsijiet fil-kompjuter, ganutel, bizzilla, ħansa, cross stich, flower arrangement u first aid.
- ✓ Bye-Laws ta' l-2004, K.L.B.L. 52/7/2004 & 52/1/2008, dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ u l-Konsum ta' Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi.
- ✓ Bye-Laws ta' l-2006, K.L.B.L. 52/2/2006, dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq.
- ✓ Bye-Laws ta' l-2008, K.L.B.L. 52/2/2008, dwar Xatt is-Sajjieda.
- ✓ Bye-Laws ta' l-2011, K.L.B.L. 52/11/2011, dwar Armar ta' Għamara fuq Bankini f'San Ġiljan.

## Konkluzzjoni

Għalkemm għal ħafna, Paceville huwa post ta' divertiment u attrazzjonijiet turistiċi, Paceville huwa wkoll il-post ta' residenza ta' ħafna u dawn għandhom id-drittijiet tagħhom, bhal kull resident iehor f'kull belt u raħal. Il- Kumitat Amminisrattiv irid bilfors jiddefendi dawn id-dritijiet li xi drabi jigu kalpestati min minn huwa egoist u ma jirrispettax ir-residenti tal-lokal. Il-Kumitat Amministrattiv jemmen li jista jinholoq bilanċ mingħajr ma jkun hemm xi dritt ta'xi ħadd li jigi mxellef. Il-Kumitat ser jkompli jesigi li r-residenti ta'Paceville jibqaw jigu nvoluti fi-tfassil ta' pjanijiet u id-deċizzjonijiet li jolqtu l-ħajja tar-residenti tagħna. Nibqaw ninsitu mal-awtoritajiet sabiexi r- residenti. Ser nibqaw ninsistu sabiex ikun hemm aktar sorveljanza u sigurta li sserraħ ras ir-residenti. Nassiguraw li tiġi osservata l-liġi. Nistghu nagħmlu dan biss billi nsibu l-għajnuna tal-Awtoritajiet ikkonċernati, il-koperazzjoni shiha , kif dejjem sibna tal-Kunsill Lokali, kif ukoll l-appogg tagħkom ir-residenti.

| | |
|---|---|
| Michael La Rosa | Paul Spiteri |
| Chairperson | Segretarju Ezekuttiv |